



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Petizzjonijiet

24.6.2010

AVVIŻ LILL-MEMBRI

Suġġett: Petizzjoni 1779/2009, imressqa minn Carlo Sangalli, ta' nazzjonalità Taljana, f'isem il-Kumitat dwar l-Azzjoni taċ-Ċittadini f'Altra Ponte, dwar il-protezzjoni ta' żona ta' ħajja selvaġġa u l-bini ta' supermarket

1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant qed jitlob il-protezzjoni ta' żona ta' ħajja selvaġġa kklassifikata skont il-Kodiċi tal-Habitat 6210 (mergħat niexfa u medda ta' art b'siġar mhux żviluppata u sottostrati tal-ġir) fil-muniċipalitá ta' Ponte San Pietro, flimkien ma' miżuri biex titjeb iż-żona. Hu joġġezzjona wkoll għall-bini ta' supermarket fuq parkeġġ tal-karozzi qrib l-istazzjon Ponte San Pietro.

2. Ammissibilitá

Iddikjarata ammissibbli fid-19 ta' Marzu 2010. Il-Kummissjoni ġiet mistiedna biex tagħti informazzjoni (Artikolu 202(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fl-24 ta' Ġunju 2010.

Il-petizzjonant, f'isem il-Kumitat dwar l-Azzjoni taċ-Ċittadini f'Altra Ponte u aktar minn 650 ċittadin, qed jitlob li tittieħed l-azzjoni kollha possibbli biex titares iż-żona magħrufa bħala Isolotto di Ponte Pietro fil-muniċipalitá ta' Ponte San Pietro, li tinsab bejn ix-xmajjar ta' Brembo u Quisa. Iż-żona fiha mergħat niexfa u medda ta' art b'siġar mhux żviluppata u sottostrati tal-ġir b'għadd kbir ta' orkidej, klassifikati taħt il-Kodiċi tal-Habitat 6210 bħala tip ta' habitat ta' prijoritá ta' interess Komunitarju skont id-Direttiva tal-Habitats¹. Il-petizzjonant isostni li n-natura eċċezzjonali ta' dan l-ambjent – f'waħda miż-żoni ta' pjanura l-aktar mibnija fl-Ewropa – hija enfasizzata fir-rapporti tal-awtoritajiet u l-assoċjazzjonijiet bħalma

¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE dwar il-konservazzjoni tal-habitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa, ĠU L 206, 22.7.1992

huma l-Ġonna Botaniċi ta' Lorenzo Rota f' Bergamo, il-fergħa tal-assoċjazzjoni Italia Nostra f' Bergamo, il-fergħa tad-WWF f' Bergamo u l-grupp tal-Flora Alpina Bergamasca (FAB). Il-Kumitat taċ-Ċittadini jissuġġerixxi l-ħolqien ta' park pubbliku u passaġġ għar-roti u għall-mixi tat-tafal matul ix-xatt tax-Xmara Quisa f' din iż-żona.

Il-kummenti tal-Kummissjoni dwar il-petizzjoni

It-tip ta' habitat 6210 Mergħat niexfa u medda ta' art b'siġar mhux żviluppata u sottostrati tal-gir (*Festuco-Brometalia*) (* siti importanti tal-orkidej) huwa tip ta' habitat ta' prijorità inkluż fl-anness I tad-Direttiva tal-Habitats. Il-konservazzjoni ta' dan il-habitat titlob l-għażla ta' żoni speċjali ta' konservazzjoni (SAC) mill-Istati Membri skont l-Artikoli 4.1 u 4.4 tad-direttiva.

S'issa, l-Italja ma pproponietx iż-żona deskritta fil-petizzjoni bħala Sit potenzjali ta' Importanza Komunitarja u SAC. Min-naħa l-oħra, l-Italja għażlet għadd biżżejjed ta' siti għat-tip ta' Habitat 6210 fir-Reġjun Bijoġeografiku Kontinentali, fejn jinsab ir-Reġjun tal-Lombardija. Għaldaqstant, l-Italja m'għandha l-ebda obbligu legali li tipproponi siti ta' importanza Komunitarja għal dan it-tip ta' habitat. Hija r-responsabilità tal-awtoritajiet Taljani li jevalwaw jekk hijiex meħtieġa l-għażla ta' Isolotto di Ponte San Pietro bħala sit addizzjonali ta' Natura 2000 biex jinkiseb stat ta' konservazzjoni favorevoli għat-tip ta' habitat inkwistjoni.

Konklużjonijiet

Fir-rigward tal-possibilità li s-sit ta' Isolotto di Ponte San Pietro jiġi propost bħala sit ta' importanza Komunitarja skont id-Direttiva tal-Habitats, il-petizzjonant għandu jiġi mistieden li jirreferi l-kwistjoni lill-awtoritajiet lokali kompetenti (id-Dipartiment tal-Ambjent tal-Provinċja ta' Bergamo u r-Reġjun tal-Lombardija) jew dawk nazzjonali (il-Ministeru tal-Ambjent, Direzione generale per la protezione della natura e del mare).

Skont l-Artikolu 4 tad-Direttiva tal-Habitats, ir-responsabilità biex jiġu proposti siti hija tal-Istati Membri. L-għażla tas-siti huwa proċess xjentifiku għall-aħħar, ibbażat fuq kriterji standard ta' għażla speċifikati fl-Annex III. Tintbagħat dejta speċifika dwar is-sit lill-Kummissjoni billi jintużaw Formoli ta' Dejta Standard.

Fuq il-bażi tal-listi nazzjonali proposti tas-siti, il-Kummissjoni, bi qbil mal-Istati Membri, adottat listi ta' siti ta' importanza Komunitarja għal disa' hekk imsejja reġjuni bijoġeografiċi. Billi ċerti Stati Membri ma pproponewx biżżejjed siti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-direttiva għal ċerti tipi ta' habitat u speċijiet, wieħed ma jistax jikkonkludi li n-netwerk Natura 2000 huwa komplut. Barra minn hekk, minħabba l-fatt li l-eżistenza u d-distribuzzjoni tat-tipi ta' habitats naturali u ta' speċijiet jevolvu kontinwament bħala riżultat tal-monitoraġġ, jista' jagħti l-każ li l-Istati Membri jħossu l-ħtieġa li jinkludu proposti ta' siti ġodda u addizzjonali biex jiġu inklużi fil-listi. Għaldaqstant il-listi tas-siti ta' importanza Komunitarja qed jiġu aġġornati fuq bażi regolari.